A.L. 67 tal-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

L-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-Grad ta' Master in Translation jew għall-Grad ta' Master in Interpreting taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikoli 74(5) u 75(6) ta' l-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier ta' l-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skond l-artikolu 81(1) ta' dak l-Att u li ġew approvati mis-Senat ta' l-Università ta' Malta kif jirrikjedi l-artikolu 81(2) ta' dak l-Att:

It-Titolu u l-Interpretazzjoni

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti ta' l-2009 skond ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad għall-grad ta' Master in Translation jew għall-grad ta' Master in Interpreting taħt il-patroċinju tal-Fakultà ta' l-Arti.

(2) F'dawn l-ordinamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor –

"il-Bord" tfisser il-Bord tal-Fakultà ta' l-Arti;

"il-Grad" tfisser il-grad ta' Master in Translation jew il-grad ta' Master in Interpreting;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għall-grad ta' Master in Translation jew Master in Interpreting;

"il-Postgraduate Diploma" tfisser il-Postgraduate Diploma in Translation jew il-Postgraduate Diploma in Interpreting; u

"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali ta' l-2008 għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad.

L-Applikabilità

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2008 jew wara.

Ir-Rekwiżiti għad-Dħul

3. L-Applikanti għad-dħul fil-Kors għandhom jissodisfaw dawn ir-rekwiżiti:

(a) jkollhom grad ta' Bachelor miksub ta' l-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri jew f'Kategorija II, fi kwalunkwe suġġett; u

(b) jgħaddu test fejn tkun eżaminata d-dispożizzjoni tagħhom u/jew jgħaddu minn intervista li ssir għal dan il-għan.

It-Tul tal-Kors

4. Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet semestri ta' studju fuq bażi *full-time* jew l-ekwivalenti fi studju fuq bażi *part-time.*

Il-Programm ta' Studju

5. (1) Il-programm ta' studju għandu jikkonsisti minn żewġ partijiet, jiġifieri:

(a) l-Ewwel Parti li tkopri numru ta' taqsimiet studju mgħallma li għalihom hemm assenjati 60 kredtu; u

(b) it-Tieni Parti li tikkonsisti minn xogħol ta' riċerka u l-kitba ta' dissertazzjoni li għalihom hemm assenjati 30 kredtu.

(2) Il-lista tal-lingwi offruti fil-program ta' studju tkun ippubblikata qabel il-bidu ta' kull Kors.

Il-Valutazzjoni u l-Progress

6. (1) Il-valutazzjoni ta' kull taqsima studju mgħallma għandha tkun kompluta sa l-aħħar tas-semestru li fih ikun sar it-tagħlim tat-taqsima studju.

(2) L-istudenti li f'xi sena akkademika jeħlu fil-valutazzjoni ta' mhux aktar minn 20 kredtu, jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *full-time*, jew mhux aktar minn 10

kredti jekk ikunu qegħdin isegwu l-Kors *part-time*, jingħataw l-opportunità li joqogħdu għall-valutazzjoni mill-ġdid fit-taqsimiet studju li weħlu minnhom fis-sessjoni ta' l-eżamijiet supplimentari ta' Settembru.

(3) L-istudenti li jeħlu f'aktar mill-għadd ta' kredti permess skond il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament, jew l-istudenti li wara valutazzjoni mill-ġdid ma jiksbux il-kredti għal xi taqsima studju, jkunu meħtieġa jirtiraw mill-Kors.

7. (1) L-istudenti jitħallew jkomplu għat-Tieni Parti tal-Kors jekk itemmu b'suċċess it-taqsimiet studju mgħallma kollha b'marka medja ta' mill-anqas 65%.

(2) L-istudenti li jtemmu b'suċċess l-Ewwel Parti tal-Kors b'marka medja ta' mill-anqas 50%, izda li:

(i) skond dawn l-ordinamenti ma jitħallewx jkomplu bl-istudji tagħhom; jew
(ii) jgħażlu li ma jissoktawx għat-Tieni Parti tal-Kors; jew
(iii) għalkemm komplew ma jispiċċawx il-Kors għall-Grad b'suċċess,

jkunu eliġibbli għall-għoti tal-Postgraduate Diploma fil-qasam ta' studju rilevanti.

Id-Dissertazzjoni

8. (1) L-istudenti huma meħtieġa jippreżentaw dissertazzjoni individwali ta' madwar 25,000 kelma skond il-linji gwida dwar il-format maħruġin mill-Bord. Il-Bord jista' jeħtieġ tul differenti jekk in-natura tar-riċerka hekk titlob. Id-dissertazzjoni trid tissodisfa wkoll il-Bord fir-rigward tal-kontenut, il-lingwa u l-preżentazzjoni.

(2) Ix-xogħol fuq id-dissertazzjoni għandu jsir waqt it-tielet semestru tal-Kors. Kull student ikun assenjat superviżur li għandu jipprovdi gwida u pariri fuq bażi regolari waqt il-perijodu ta' studju.

(3) It-titlu provviżorju tad-dissertazzjoni u l-proposta ta' riċerka dettaljata għandhom ikunu mressqa għall-approvazzjoni tal-Bord sal-bidu tat-tieni semestru.

(4) L-istudenti għandhom iżommu kuntatt regolari mas-superviżur tagħhom, li għandu jibgħat lill-Bord rapport dwar il-progress ta' l-istudenti taħt is-superviżjoni tiegħu sa mhux aktar tard minn tliet ġimgħat qabel id-data tas-sottomissjoni. Ir-rapport jista' jinkludi rakkomandazzjonijiet biex jew (a) il-perjodu ta' studju ikun imtawwal biex l-istudent ikun jista' jispiċċa d-dissertazzjoni; jew (b) jintemmu l-istudji qabel il-waqt jekk is-superviżur iqis li dan hu xieraq fiċ-ċirkustanżi, sakemm li:

(i) l-estensjoni tal-perijodu ta' studju msemmija f'(a) tkun skond il-provvedimenti tar-Regolamenti Prinċipali; u

(ii) il-Bord ma jistax itemm l-istudji qabel il-waqt skond (b) jekk qabel ma jkunx ta opportunità lill-istudent li jiddefendi l-każ tiegħu.

Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti

9. Il-Marka Medja Finali Mwieżna għall-iskop tal-klassifikazzjoni tal-Postgraduate Diploma u tal-Grad għandha tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba fil-komponenti kollha tal-programm ta' studju, bil-kredti kollha jingħataw piż indaqs.

Il-Provvedimenti Speċjali għall-Korsijiet fuq Bażi *Part-Time*

10. Il-provvedimenti ta' l-ordinamenti preċedenti għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għall-korsijiet li jsiru fuq bażi *part-time,* u suġġett għal dawk it-tibdiliet li jistgħu raġonevolment jitqiesu mill-Bord bħala neċessarji minħabba n-natura *part-time* tal-Kors.

It-Tħassir

11. Ir-Regolamenti ta' l-2006 tal-Kors għall-Postgraduate Diploma u għall-Grad ta' Master in Translation, u l-Postgraduate Diploma u l-Grad ta' Master in Interpreting, u l-Postgraduate Diploma u l-Grad ta' Master in Translation and Interpreting, taħt il-patroċinju tal-Fakultà tal-Arti, ppubblikati bħala Avviż Legali Nru. 96 ta' l-2006, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2008, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2008 għandhom ikomplu jkunu regolati mir-regolamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.

VERŻJONI ELETTRONIKA

L.N. 67 of 2009

EDUCATION ACT
(CAP. 327)

Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the Degree of Master in Translation or for the Degree of Master in Interpreting under the auspices of the Faculty of Arts

IN exercise of the powers conferred upon him by sections 74 (5) and 75 (6) of the Education Act (Cap. 327), the Chancellor of the University of Malta has promulgated the following bye-laws made by the Board of the Faculty of Arts in virtue of the powers conferred upon it by section 81 (1) of the said Act and which have been approved by the Senate of the University of Malta as required by section 81 (2) of the said Act:

Citation and Interpretation

1. (1) These bye-laws may be cited as the Bye-Laws of 2009 in terms of the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008 for the degree of Master in Translation or for the Degree of Master in Interpreting under the auspices of the Faculty of Arts.

(2) In these bye-laws, unless the context otherwise requires -

"the Board" means the Board of the Faculty of Arts;

"the Course" means the programme of study leading to the degree of Master in Translation or Master in Interpreting;

"the Degree" means the degree of Master in Translation or the degree of Master in Interpreting;

“the Postgraduate Diploma” means the Postgraduate Diploma in Translation or the Postgraduate Diploma in Interpreting; and

"the Principal Regulations" means the General Regulations for University Postgraduate Awards, 2008.

Applicability

2. These bye-laws shall be applicable for courses commencing in October 2008 or later.

Requirements for Admission

3. Applicants for admission to the Course shall satisfy the following requirements:

(a) hold a Bachelor's degree with at least Second Class Honours or Category II, in any subject; and

(b) pass an aptitude test and/or an interview which shall be held for the purpose.

Course Duration

4. The Course shall extend over three semesters of full-time study or the equivalent in part-time study.

Programme of Study

5. (1) The programme of study shall consist of two parts, namely:

(a) Part One which shall comprise a number of taught study-units to which 60 credits are assigned; and

(b) Part Two consisting of research work and the writing of a dissertation to which 30 credits are assigned.

(2) The list of languages offered in the programme of study shall be published prior to the commencement of each Course.

Assessment and Progress

6. (1) The assessment of each taught study-unit shall be completed by the end of the semester in which the teaching of this study-unit is held.

(2) Students who in any academic year fail in the assessment of not more than 20 credits, if following the full-time Course, or not more than 10 credits if following the part-time Course, shall be given the opportunity to re-sit the failed assessment during the September supplementary examination session.

(3) Students who fail more than the number of credits permitted under paragraph (2) of this bye-law, or students who after re-assessment fail to obtain credit for any study-unit, shall be required to withdraw from the course.

7. (1) Students shall be allowed to proceed to Part Two of the Course subject to successful completion of the all taught study-units with a minimum average mark of 65%.

(2) Students who successfully complete Part One of the Course with an average mark of at least 50% but who:

(i) in terms of these bye-laws are precluded from proceeding further with their studies; or
(ii) opt not to proceed to Part Two of the Course; or
(iii) having proceeded do not successfully complete the Course leading to the Degree,

shall be eligible for the award of the Postgraduate Diploma in the relevant area of study.

Dissertation

8. (1) Students shall be required to submit an individual dissertation of approximately 25,000 words in accordance with the guidelines regarding format issued by the Board. The Board may prescribe a different length if the nature of research so requires. The dissertation must also satisfy the Board as regards content, language and presentation.

(2) Work on the dissertation shall be undertaken during the third semester of the Course. Each student shall be assigned a supervisor who shall provide guidance and advice on a regular basis during the period of study.

(3) A provisional title of the dissertation and a detailed research proposal shall be submitted to the Board for approval by the beginning of the second semester.

(4) Students shall be required to have regular contact with their supervisor, who shall submit to the Board a progress report regarding the students under supervision not later than 3 weeks before the date of when submission is due. The report may include recommendations to either (a) extend the period of study in order to enable the student to complete the dissertation; or (b) terminate studies prematurely if the supervisor deems this to be proper in the circumstances, provided that:

(i) the extension of the study period referred to in (a) shall be in accordance with the provisions of Principal Regulations; and

(ii) the Board may not terminate studies prematurely according to (b) until it has first given the student a chance to be heard.

Classification of the Awards

9. The Final Weighted Average Mark for the purpose of the classification of the Postgraduate Diploma and the Degree shall be based on the results obtained in all the components of the programme of study, all credits being weighted equally.

Special Provisions for Part-Time Courses

10. The provisions of the foregoing bye-laws shall apply *mutatis mutandis* to courses followed on a part-time basis, and subject to such changes as may be deemed by the Board as necessary due to the part-time nature of the Course.

Repeal

11. The Regulations of 2006 for the Postgraduate Diploma and Degree of Master in Translation, and Postgraduate Diploma and Degree of Master in Interpreting, and Postgraduate Diploma and Degree of Master in Translation and Interpreting under the auspices of the Faculty of Arts, published as Legal Notice 96 of 2006, shall be deemed to cease to be in force as from 1 October 2008, provided that students registered for this course before 1 October 2008 shall continue to be governed by the regulations that were in force at the time of their joining the course.

Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) Valletta - *Published by the Department of Information - (doi.gov.mt) - Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta riċiklata - *Printed at the Government Printing Press on recycled paper*

Prezz/*Price*
€0.37